



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A7-0428/2011**

30.11.2011

# RAPPORT

dwar l-impatt tal-kriżi finanzjarja fuq is-settur tad-difiża fl-Istati Membri tal-UE  
(2011/2177(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Krzysztof Lisek

RR\885413MT.doc

PE472.225v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

PR\_INI

## WERREJ

	<b>Paġna</b>
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
OPINJONI TAL-MINORANZA .....	18
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA .....	19
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT .....	23

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### dwar l-impatt tal-kriżi finanzjarja fuq is-settur tad-difiża fl-Istati Membri tal-UE (2011/2177(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikoli 21, 42, 45 u 46, kif ukoll it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Protokoll Nru 10 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Istrateġija Ewropea ta’ Sigurtà (SSE) intitolata “Ewropa Sigura f’Dinja Aħjar”, adottata mill-Kunsill Ewropew fit-12 ta’ Diċembru 2003, kif ukoll ir-rapport dwar l-implimentazzjoni tagħha bl-isem “Niżguraw is-sigurtà f’dinja dejjem tinbidel”, abbozzat taħt ir-responsabilitajiet tar-Rappreżentant Għoli tal-UE u approvat mill-Kunsill Ewropew fil-11 u t-12 ta’ Diċembru 2008,
- wara li kkunsidra l-oġġettivi stabbiliti mill-Kunsill Ewropew f’Diċembru 2008 sabiex isaħħaħ il-kapaċitajiet militari Ewropej,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta’ Mejju 2011, tal-31 ta’ Jannar 2011 u tad-9 ta’ Diċembru 2010, dwar l-akkomunament u l-kondiviżjoni tal-kapaċitajiet militari, dwar il-PSDK, u dwar l-iżvilupp tal-kapaċità militari rispettivament,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/411/PESK tat-12 ta’ Lulju 2011 li tiddefinixxi l-istatut, is-sede u r-regoli operattivi tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u li tħassar l-Azzjoni Konġunta 2004/551/PESK<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra r-Rapport tar-Rappreżentant Għoli dwar il-PSDK, ippreżentat matul il-laqgħa tal-Kunsill tal-Affarijiet Barranin tat-18 ta’ Lulju 2011,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta’ prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta’ ċerti kuntratti ta’ xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-11 ta’ Mejju 2011 dwar l-iżvilupp tal-politika ta’ sigurtà u ta’ difiża komuni wara d-dħul f’is-seħħ tat-Trattat ta’ Lisbona<sup>4</sup>, u tat-23 ta’ Novembru 2010 dwar il-kooperazzjoni ċivili-militari u l-iżvilupp ta’ kapaċitajiet

---

<sup>1</sup> ĠU L 183, 13.7.2011, p. 16.

<sup>2</sup> ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1.

<sup>3</sup> ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76.

<sup>4</sup> Testi adottati, P7\_TA(2011)0228.

ċivili-militari<sup>1</sup>, u tal-10 ta' Marzu 2010 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà u l-Politika ta' Sigurtà u Difiża Komuni<sup>2</sup>, kif ukoll ir-risoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0428/2011),

### ***Kunsiderazzjonijiet ġenerali***

1. Jinnota bi tħassib l-akkumulazzjoni ta' xejra fis-snin riċenti ta' tnaqqis fil-baġits tad-difiża tal-maġġoranza tal-Istati Membri tal-UE wara l-kriżi finanzjarja, ekonomika u tad-dejn u l-impatt negattiv potenzjali ta' dawn il-miżuri fuq il-kapaċitajiet militari tagħhom u, għalhekk, fuq il-kapaċità tal-UE li tiegħu f'idejha, b'mod effettiv, ir-responsabilitajiet tagħha fiż-żamma tal-paċi, fil-prevenzjoni tal-kunflitti u fit-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali, f'konformità mal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, jekk l-Istati Membri jonqsu milli jikkompensaw għal dan it-telf permezz ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni Ewropea miżjuda; jissottolinja, f'dan ir-rigward, li d-difiża tikkostitwixxi ġid pubbliku li jaffettwa s-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej kollha u li l-Istati Membri kollha jeħtieġu jikkontribwixxu fi spirtu ta' kooperazzjoni, il-kondiviżjoni tal-piżijiet u l-kost-effiċenza;
2. Javża li nuqqasijiet mhux ikkoordinati tal-baġit għad-difiża jistgħu jirriżultaw f'telf totali ta' ċerti kapaċitajiet militari fl-Ewropa; jilqa' u jappoġġja, għalhekk, l-inkoraġġiment tal-Kunsill lill-Istati Membri biex jiskambjaw l-informazzjoni, kif xieraq, u jtejbu t-trasparenza fit-tnaqqis tal-baġit tad-difiża attwali u li għadu ġej, u jitlob li ssir valutazzjoni tal-impatt ta' dan it-tnaqqis tal-baġit għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet b'appoġġ għall-PSDK; ifakkar li l-intervent fil-Libja wera b'mod ċar li anki koalizzjoni tal-pajjiżi Ewropej mhijiex kapaċi twettaq operazzjoni ta' dan it-tip mingħajr l-appoġġ tal-Istati Uniti;
3. Jinnota d-dipendenza kontinwa sproporzjonata fuq l-Istati Uniti f'dak li jirrigwarda kwistjonijiet tad-difiża, ladarba s-sehem tal-Istati Uniti fin-nefqa kollha għad-difiża fl-Alleanza tal-Atlantiku ta' Fuq żdied għal 75 %, u minħabba l-ħtieġa, għalhekk, għall-alleati Ewropej li jżidu s-sehem tagħhom fil-piż tad-difiża; jinnota bi tħassib li t-tnaqqis fil-baġit reċenti iseħħ flimkien ma' xejra, li ilha għaddejja aktar minn għaxar snin, fejn l-Istati Membri mhux qed jinvestu u jonqfu biżżejjed fl-oqsma tas-sigurtà u d-difiża;
4. F'ambjent ta' sigurtà dejjem aktar kumpless u imprevedibbli, iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE kollha biex jikkooperaw aktar mill-qrib u jikkoordinaw azzjonijiet kontra t-theddid komuni identifikat fl-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà (SSE), filwaqt li jassumu l-parti kollha tar-responsabbiltà tagħhom għall-paċi u s-sigurtà fl-Ewropa, fil-viċinat tagħha u fil-bqija tad-dinja; filwaqt li jagħraf li mhux it-theddid kollu hu ta' natura militari u li l-UE għandha varjetà ta' strumenti disponibbli għaliha għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kriżijiet, bħall-kapaċitajiet ċivili u l-istrumenti ta' għajnuna teknika tagħha, ifakkar lill-Istati Membri bl-impenji ripetuti tagħhom, inklużi fit-Trattat u l-konklużjonijiet tal-

<sup>1</sup> Testi adottati, P7\_TA(2010)0419.

<sup>2</sup> Testi adottati, P7\_TA(2010)0061.

Kunsill Ewropew, biex itejbu l-kapaċitajiet militari tagħhom, u jitlobhom jiżguraw li dawn l-impennji jinkisbu;

5. Itenni l-opinjoni tiegħu li kapaċità ta' difiża Ewropea msaħħa ttejjeb l-awtonomija strateġika tal-UE u tagħti kontribut importanti għas-sigurtà kollettiva fil-kuntest tan-NATO u sħubijiet oħra; jenfasizza l-potenzjal tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona f'dan ir-rigward u jħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw kooperazzjoni strutturata permanenti, biex jiddefinixxu l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tas-solidarjetà u l-klawżoli tad-difiża reċiproka, u biex ikun hemm użu sħiħ tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża;
6. Mingħajr ma jiġi injorat il-livell differenti ta' ambizzjoni, jirrimarka li l-Istati Membri flimkien jonfqu madwar EUR 200 biljun kull sena fuq id-difiża, li huwa biss terz tal-baġit għad-difiża tal-Istati Uniti iżda xorta huwa ammont konsiderevoli li juri l-ispejjeż tal-pajjiżi mhux Ewropej fil-qasam tad-difiża;
7. Jiddeplora l-mod kif qed jintefqu l-biċċa l-kbira ta' dawn il-fondi, abbażi tad-deċizzjonijiet dwar l-ippjanar tad-difiża nazzjonali mhux ikkoordinat, li rriżulta mhux biss f'nuqqasijiet ta' kapaċità persistenti, iżda wkoll ta' spiss f'kapaċitajiet żejda u duplikazzjonijiet inutli, kif ukoll industrija u swieq frammentati, li jwassal biex l-UE la jkollha la l-viżibilità, la r-riżorsi u lanqas il-EUR 200 biljun x'tonfoq;
8. 1 a. Jikkunsidra li l-kriżi ekonomika u finanzjarja tista' tintuża bħala opportunità għall-integrazzjoni tal-politiki ta' difiża tal-UE, billi tista' tipprovdi l-impetu biex fl-aħħar jinħolqu u jiġu implimentati riformi ambizzjużi li ilhom biex isiru;
9. Minħabba dan, iħeġġeġ lill-Istati Membri jaċċettaw il-fatt li żieda fil-kooperazzjoni hija l-aqwa triq 'il quddiem u li, b'mod partikolari permezz ta' (A) koordinazzjoni aħjar tal-ippjanar tad-difiża, li tinkludi armonizzazzjoni tar-rekwiżiti militari u miżuri biex tiżdied l-interoperabilità, (B) l-akkomunament u l-kondiviżjoni ta' ċerti kapaċitajiet u strutturi ta' appoġġ, (C) kooperazzjoni msaħħa fir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, (D) il-faċilitazzjoni tal-kollaborazzjoni u l-konsolidazzjoni industrijali, u (E) l-ottimizzazzjoni tal-akkwist u t-tneħħija ta' ostakli tas-suq, l-Istati Membri jistgħu jiżviluppaw kapaċitajiet b'mod aktar kosteffiċjenti, u dan mingħajr effetti negattivi fuq is-sovranità tagħhom;
10. Jenfasizza li l-UE għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-għodod u l-mekkaniżmi li jistgħu jgħinu lill-Istati Membri jiksbu dan, kif stipulat hawn taħt, inkluż permezz tal-identifikazzjoni tal-oqsma fejn jista' jiġi pprovdut aktar finanzjament fil-livell Ewropew (F);
11. Jirrikonoxxi li, minkejja dak li ntqal qabel, iż-żamma ta' bażi industrijali u teknoloġika adegwata u l-iżgurar tas-sigurtà fil-provvista huma kwistjonijiet essenzjali għad-difiża nazzjonali li m'għandhomx jiġu rregolati minn objettivi ekonomiċi biss;
12. Jikkunsidra l-fowkus ewlieni tal-isforzi kollha tal-UE fuq id-difiża bħala reazzjoni għall-kriżi finanzjarja għandha tkun l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA), li għandha l-potenzjal li tkopri qasam wiesa' ta' eżaminazzjoni bir-reqqa u ppjanar tal-politika, iżda mhijiex kapaċi tagħmel dan fil-format attwali tagħha; jitlob li jsir titjib fil-format tal-EDA, filwaqt li jikkunsidra li żieda fil-baġit, fil-persunal, fl-oqsma tar-responsabilità u fis-

setgħat ġenerali tagħha jkunu kosteffiċjenti fl-aħħar mill-aħħar, u jippermettilha li taħdem aħjar fuq l-ottimizzazzjoni tas-settur tad-difiża tal-UE, b'kompitu dedikat biex jiġu evitati duplikazzjonijiet li jiswew il-flus u politiki ta' difiża li mhumiex sostenibbli finanzjarjament;

**(A) Koordinazzjoni aħjar tal-ippjanar tad-difiża**

13. Itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri biex iwettqu eżamijiet mill-ġdid sistematiċi dwar is-sigurtà u d-difiża skont kriterji u skeda ta' żmien armonizzata; jissuġġerixxi li dan jista' jiġi żviluppat f'eżerċizzju regolari li jkun marbut mal-proċeduri baġitarji – jiġifieri tip ta' "Semestru Ewropew" tal-eżamijiet mill-ġdid dwar is-sigurtà u d-difiża;
14. Jenfasizza li l-għan ta' tali eżamijiet mill-ġdid ikkoordinati jkun li tintemm il-kultura ta' iżolament fl-ippjanar tad-difiża nazzjonali u li tiġi stabbilita pjattaforma għal diskussjoni strutturata, biex b'hekk l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkunsidraw il-kwadru sħiħ – il-perspettiva Ewropea – qabel ma jieħdu deċiżjonijiet strateġiċi ewlenin dwar il-kapaċitajiet tagħhom ta' difiża; jenfasizza li l-inizjattiva għandha tikkomplementa, fir-rigward tal-Istati Membri kkonċernati, il-koordinazzjoni tagħhom fi ħdan il-Proċess tal-Ippjanar tad-Difiża tan-NATO;
15. Jerġa' jitlob għal White Paper tal-UE dwar is-sigurtà u d-difiża li tiżviluppa u timplimenta l-Istrateġija Ewropea tas-Sigurtà, tiddefinixxi aħjar l-oġettivi tas-sigurtà u d-difiża, l-interessi u l-bżonnijiet tal-UE b'rabta mal-mezzi u r-riżorsi disponibbli, filwaqt li jikkunsidra wkoll l-aspetti mhux tradizzjonali tas-sigurtà; jenfasizza li din il-White Paper għandha tiġi mfassla u aġġornata b'mod regolari fuq il-bażi tal-eżamijiet mill-ġdid nazzjonali, filwaqt li fl-istess ħin tipprowdi referenza għalihom, u torbot l-ippjanar tad-difiża nazzjonali ma' perspettiva ta' sigurtà komuni u valutazzjoni tat-theddid; jenfasizza li tali White Paper, billi tistabbilixxi viżjoni komuni ta' sfidi u soluzzjonijiet tkun qed tibni l-fiduċja u tipprowdi gwida strateġika ffukata fuq il-forma li għandhom jieħdu l-forzi tal-UE;
16. Ifakkar li t-Trattat ta' Lisbona saħħaħ l-irwol tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) fl-appoġġ tal-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex itejbu l-kapaċitajiet militari għall-Politika ta' Sigurtà u Difiża Komuni; jissuġġerixxi, għalhekk, li l-Istati Membri jitolbu lill-Aġenzija biex teżamina kif jistgħu jtejbu l-koordinazzjoni tal-ippjanar tad-difiża fl-Ewropa; ifakkar, barra minn hekk, li t-Trattat jagħti lill-EDA l-kompiti li tevalwa l-osservanza tal-impenji tal-kapaċità u tippromwovi l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet operattivi, u jitlob għat-twettiq aħjar ta' dawn il-kompiti; jirrakkomanda li, bħala l-ewwel pass fl-eżerċizzju tas-'Semestru Ewropew', l-Istati Membri jistgħu jippreżentaw l-abbozz tal-eżamijiet mill-ġdid tas-sigurtà u d-difiża nazzjonali tagħhom lill-EDA għal konsulenza, biex tivvalutahom b'mod partikolari fid-dawl tal-prijoritajiet tal-kapaċitajiet stabbiliti mill-bord ta' tmexxija tal-EDA fil-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet, kif ukoll tal-pjanijiet tal-Istati Membri l-oħra u tal-Proċess ta' Ippjanar tad-Difiża tan-NATO; jemmen li, fit-terminu qasir ħafna, l-EDA għandu jkollha rwol importanti wkoll fid-definizzjoni ta' politika Ewropea tal-kapaċitajiet u l-armamenti;
17. Għandu l-opinjoni li, bħala l-pass li jmiss, l-Istati Membri għandhom jgħaddu minn proċess ta' konsultazzjonijiet reċiproċi sabiex jarmonizzaw ir-rekwiżiti militari tagħhom u jeżaminaw l-għażliet kollha sabiex tiżdied il-kosteffiċjenza permezz tal-arranġamenti fil-

livell tal-UE, reġjonali, bilaterali jew oħrajn;

18. Iħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri jindirizzaw f'tali proċess il-kapaċitajiet żejda eżistenti speċjalment rigward it-tagħmir u l-persunal ta' prijorità anqas fl-operazzjonijiet;

**(B) L-akkomunament u l-kondiviżjoni tal-kapaċitajiet**

19. Jinsab konvint ferm li l-akkomunament u l-kondiviżjoni tal-kapaċitajiet m'għadhiex għażla, iżda ħtieġa; jappoġġja l-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jidentifikaw il-proġetti l-aktar promettenti, bħala parti mill-proċess mibdi fil-laqgħa ministerjali ta' Settembru 2010 f'Ghent u f'konformità mal-inizjattiva bejn il-Ġermanja u l-Isvezja ta' Novembru 2010, filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-akkomunament u l-kondiviżjoni ma jistgħux jissostitwixxu l-iżvilupp reali tal-kapaċitajiet, iżda jsaħħuh u jtejbuh; ifakkar il-mandat mogħti lill-EDA f'Mejju 2011 għall-preżentazzjoni tal-proposti fil-ħarifa; iħeġġeġ lill-Istati Membri, b'mod partikolari t-Trijangolu Weimar, iżda wkoll il-formazzjoni Weimar Plus, biex jirnexxu fl-akkomunament u l-kondiviżjoni billi jaġixxu bħala mutur politiku;
20. Jenfasizza li, b'mod partikolari fl-oqsma bħat-trasport strateġiku u tattiku, l-appoġġ loġistiku, il-manutenzjoni, id-difiża ċibernetika, il-kapaċitajiet tal-ispazju, l-appoġġ mediku, l-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll ċerti kapaċitajiet speċjalizzati, l-Istati Membri jistgħu japprofitaw bil-kbir mill-akkomunament jew il-kondiviżjoni ta' ċerti funzjonijiet u assi mingħajr ma jinħolqu dipendenzi sinifikanti li jistgħu jillimitaw it-teħid ta' deċiżjoni sovrana tagħhom; iħeġġeġ bil-qawwa l-inizjattivi li jindirizzaw in-nuqqasijiet fil-kapaċitajiet f'oqsma bħat-trasport bl-elikotteri, ir-riforniment ta' fjuwil fl-arja, is-sorveljanza marittima, vetturi bla xufier, il-protezzjoni kontra r-riskji kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari, in-newtralizzazzjoni ta' tagħmir splussiv improvizzat (IEDs), il-komunikazzjoni bis-satellita, sistemi ta' ordni u kontroll, u sensuri u pjattaformi ta' intelligence, sorveljanza u investigazzjoni (ISR), inklużi alternattivi għas-sistemi tas-satelliti, bħall-UAVs ta' Reżistenza Twila f'Altitudni Għolja (High Altitude Long Endurance - HALE), kif ukoll it-teknoloġiji ħodor meħtieġa għal awtonomija operattiva għolja u kosteffiċjenza;
21. Jenfasizza li l-akkomunament tar-riżorsi għandu jimxi id f'id mal-ispeċjalizzazzjoni mtejbja fejn l-Istati Membri li jċedu ċerti kapaċitajiet jistgħu jkunu żguri li oħrajn se jipprovduhom u jirrikonoxxi li dan jeħtieġ impenn politiku serju mill-gvernijiet nazzjonali;
22. Jistieden lill-Istati Membri jaġhmlu użu kreattiv mill-mudelli differenti ta' akkomunament u kondiviżjoni li jistgħu jiġu identifikati, bħal pereżempju (1) l-akkomunament permezz ta' proprjetà konġunta, (2) akkomunament ta' assi ta' proprjetà nazzjonali, (3) akkomunament ta' akkwist, jew (4) kondiviżjoni tar-rwoli u tal-kompiti, u l-kombinamenti tagħhom kif xieraq, u jitlob għal progress malajr speċjalment fl-oqsma msemmija hawn fuq;
23. L-ewwel nett, rigward il-“proprjetà konġunta”, jitlob lill-Istati Membri jesploraw il-possibiltajiet għal ċertu tagħmir li jiġi akkwistat b'mod konġunt minn konsorzji ta' pajjiżi parteċipanti jew mill-UE nnifisha, billi jieħdu ispirazzjoni minn inizjattivi bħall-Kapaċità Strateġika ta' Trasport bl-Ajru implimentati taħt in-NATO, il-programm NATO

AWACS jew il-Galileo tal-UE jew biex jiġu mfittxija possibiltajiet ta' finanzjament mill-UE jew ta' kofinanzjament tat-tagħmir akkwistat minn konsorzji tal-Istati Membri; jenfasizza l-potenzjal tal-proprjetà konġunta għat-tagħmir l-aktar għali, bħal pereżempju għal kapaċitajiet tal-ispazju, UAVs jew inġenji tal-ajru għat-trasport strateġiku;

24. It-tieni nett, rigward "l-akkomunament ta' assi li huma proprjetà nazzjonali", iqis l-inizjattiva tal-Kmand Ewropew tat-Trasport bl-Ajru (EATC) ta' erba' Stati Membri bħala eżempju partikolarment utli, fejn l-użu ta' kapaċitajiet eżistenti huwa ottimizzat permezz tat-trasferiment ta' ċerti kompetenzi lejn struttura komuni, filwaqt li tinżamm il-proprjetà nazzjonali sħiħa tal-assi; iqis li dan il-mudell ta' kapaċitajiet akkomunati iżda separati, huwa adattat sew ukoll għal oqsma oħra ta' appoġġ operattiv, bħal pereżempju l-ħelikopters tat-trasport, inġenji tal-ajru għas-sorveljanza marittima u assi ta' trasport bl-ajru militari; jemmen li kull delegazzjoni ta' kompetenzi lil struttura integrata teħtieġ li tkun flessibbli u m'għandhiex teħtieġ li l-parteċipanti kollha jiddelegaw l-istess sett ta' kompetenzi, sabiex jiġi evitat ir-riskju li wieħed jikkuntenta bid-denominatur l-anqas komuni; jixtieq ħafna, madankollu, li l-Istati Membri jipprovdu kapaċitajiet nazzjonali fil-firxa wiesgħa tal-kompiti tal-EATC;
25. It-tielet nett, rigward l-"akkomunament tal-akkwist", bħal pereżempju fil-programm A400M, jissottolinja l-benefiċċji potenzjali tal-akkwist konġunt fir-rigward tal-ekonomiji ta' skala, il-bini ta' bażi industrijali vijabbli, l-interoperabilità, u l-possibbiltajiet sussegwenti ta' akkomunament u kondiviżjoni fl-appoġġ fis-servizz, manutenzjoni u taħriġ; jiddeplora l-fatt li dawn il-benefiċċji ħafna drabi jintilfu minħabba d-differenzi fir-rekwiżiti u fil-ftehimiet dwar il-kondiviżjoni tax-xogħol bħal fil-każ tal-programm Eurofighter; Sabiex jitwettaq l-iffrankar potenzjali kollu, jenfasizza l-importanza li tinżamm konfigurazzjoni komuni ta' tagħmir akkwistat konġuntament tul iċ-ċiklu ta' ħajja kollu tiegħu sabiex jiġi ffaċilitat l-appoġġ fis-servizz konġunt; jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw ukoll l-akkomunament tas-servizzi mogħtija b'kuntratt;
26. Ir-raba' nett, rigward il-"kondiviżjoni tar-rwoli u l-kompiti", iqis li hemm eżempji pożittivi f'inizjattivi bħal pereżempju l-kooperazzjoni bejn Franza u l-Belġju fit-taħriġ għal pilota tal-għied, il-ftehim bejn ir-Renju Unit u Franza dwar il-kondiviżjoni tal-vapuri li jgħorru l-ajruplani, l-inizjattiva bejn Franza u l-Ġermanja dwar it-taħriġ għal pilota tal-ħelikopters, jew il-kooperazzjoni navali bejn il-Belġju u l-Pajjiżi Baxxi, fejn numru ta' strutturi nazzjonali ta' appoġġ huma kondiviżi mas-sieħeb; jissottolinja b'mod speċjali l-opportunitajiet fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-eżerċizzji, u b'mod speċjali fil-kondiviżjoni tal-akkademji militari, faċilitajiet ta' ttestjar u evalwazzjoni u faċilitajiet għat-taħriġ għal pilota; fil-każ ta' ċerti kapaċitajiet speċjalizzati, iqis il-kondiviżjoni tar-rwoli u l-kompiti bħala l-uniku mezz vijabbli għall-maġġoranza tal-Istati Membri biex jiżguraw aċċess għal ċerti kapaċitajiet rari bħal pereżempju l-unitajiet CBRN jew inġenji tal-ajru għall-isptarijiet;
27. Ifakkar fir-rwol importanti tal-EDA, kif imfisser mit-Trattat, fil-proposta ta' proġetti multilaterali, koordinazzjoni tal-programmi tal-Istati Membri u l-ġestjoni tal-programmi ta' kooperazzjoni R&T; jissottolinja l-proġetti mmexxija mill-EDA li huma diġà operattivi, bħal pereżempju l-Programm ta' Taħriġ għat-Titjir ta' Ħelikopters u l-laboratorju forensiku skjerat biex jinnewtralizza l-IEDs u l-applikazzjoni tiegħu fl-Afganistan, u jitlob biex isir aktar progress f'inizjattivi oħra bħal pereżempju l-Flotta



Ewropea tat-Trasport bl-Ajru (EATF); iħeġġeġ l-Istati Membri jużaw il-potenzjal li toffri l-Aġenzija rigward l-appoġġ amministrattiv u legali u li jafdawlha l-ġestjoni tal-inizjattivi ta' kooperazzjoni tagħhom u jissottolinja l-bżonn li l-EDA tingħata l-mezzi li bihom tkun tista' tindirizza ż-żieda fir-responsabilitajiet tagħha;

28. Jirrikonoxxi l-inizjattivi bilaterali u reġjonali bħal pereżempju l-ftehimiet dwar id-difiża bejn ir-Renju Unit u Franza tal-2010, il-Kooperazzjoni dwar id-Difiża Nordika u l-Kooperazzjoni tad-Difiża Baltika bħala passi importanti biex jiġi razzjonalizzat l-użu tar-riżorsi u jimtlew fi żmien qasir in-nuqqasijiet tal-kapaċitajiet; jinnota l-proposti għal kooperazzjoni simili f'reġjuni oħra, bħal pereżempju fost il-pajjiżi tal-Grupp Visegrád; madankollu, għandu l-opinjoni li għad hemm nuqqasijiet strutturali sinifikanti li jeħtieġu li jiġu indirizzati b'mod koordinat fil-livell tal-UE, u li, għalhekk, f'ċertu punt dawn l-arranġamenti bilaterali u reġjonali jeħtieġ li jiġu integrat fil-perspettiva usa tal-Ewropa, billi jiġi żgurat li jikkontribwixxu għall-iżvilupp għall-iżvilupp tal- PSDK u bl-ebda mod ma jmorru kontriha; f'dan il-kuntest, jemmen li l-EDA għandha tingħata rwol fl-iżgurar ta' koerenza ġenerali tal-isforzi u jħeġġeġ iktar ħsieb dwar kif jistgħu jintużaw id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti biex jipprovdu qafas ta' koordinazzjoni ġenerali;
29. Iqis li l-Kwartieri Ġenerali Operattivi ċivili militari tal-UE, li kemm-il darba talab għall-istabbiliment tiegħu, mhux biss isaħħaħ sostanzjalment il-kapaċità tal-UE biex tappoġġja l-paċi u s-sigurtà internazzjonali, iżda fit-tul jiġġenera wkoll iffrankar għall-baġits nazzjonali skont il-loġika tal-akkomunament u kondiviżjoni; jenfasizza li hi meħtieġa gwida politika mill-Viċi-President / Rappreżentant Għoli u jitlob lill-Viċi-President / Rappreżentant Għoli jibqa' jaħdem fuq l-'inizjattiva Weimar' u jinvestiga għażliet legali għall-istabbiliment ta' ppjanar operattiv awtonomu u kapaċità ta' mġiba b'żewġ ktajjen separati (ċivili u militari) ta' ordni, konformi mal-mudell ippreżentat fil-Kunsill ta' Lulju 2011, mill-iktar fis possibbli;
30. Jilqa' l-inizjattiva "Difiża Intelliġenti" fi ħdan in-NATO u jerġa' jafferma l-importanza ta' koordinazzjoni kontinwa u riżoluzzjoni tal-kunflitti bejn l-UE u n-NATO fil-livelli kollha sabiex tiġi evitata duplikazzjoni żejda; jenfasizza li hija assolutament meħtieġa intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni Prattika bejn l-UE u n-NATO, partikolarment fir-rigward tar-rispons għall-isfidi tal-kriżi finanzjarja; jitlob b'mod partikolari lill-EDA u lit-Trasformazzjoni tal-Kmand Alleata biex jikkoperaw mill-qrib sabiex jiżguraw li l-proġetti ta' akkomunament u kondiviżjoni taż-żewġ organizzazzjonijiet ikunu kumplementari u li dejjem jiġu implimentati fil-qafas bl-aktar valur miżjud;
31. Jinnota l-potenzjal għall-akkomunament tal-assi tad-difiża ċibernetika, minħabba l-integrazzjoni tas-sistemi ċibernetiċi Ewropej, u l-bżonn li tiġi indirizzata l-ħtieġa għal aktar koordinazzjoni tal-UE f'dan il-qasam;

***(C) Appoġġ għall-kooperazzjoni fir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku***

32. Ifakkar l-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur tas-sigurtà u d-difiża bħala l-bażi għall-kompetittività u r-reżiljenza fl-industrija Ewropea tad-difiża, u l-importanza tagħha għall-kisba tal-għanijiet tal-Ewropa 2020 għat-tkabbir sostenibbli; jirrimarka li l-isforzi attwali dwar ir-riċerka u t-teknoloġija (R&T) se jkunu determinanti biex jiġu kkontrollati avvanzi teknoloġiċi futuri; jiddeplora l-fatt li 1% biss tan-nefqa totali għad-

difiża tal-pajjiżi tal-UE jmur għar-R&T, filwaqt li aktar minn 50% għadhom jintefqu fuq il-persunal, u b'mod partikolari li għall-maġġoranza tal-Istati Membri dan il-persentaġġ huwa anqas sew minn 1%; iħeġġeġ lill-Istati Membri jeskludu r-R&T mit-tnaqqis tan-nefqa tagħhom bħala kwistjoni ta' prijorità;

33. Jiddispjaċih bil-fatt li l-potenzjal tal-ekonomiji ta' skala minn proġetti kollaborattivi jibqa' fil-biċċa l-kbira tiegħu mhux użat, b'madwar 85% tan-nefqa R&T użati fil-livell nazzjonali u l-parti l-kbira tal-bqija tintefaq fil-livell bilaterali u mhux f'dak multinazzjonali, u dan iwassal għall-frammentazzjoni fost l-Istati Membri; ifakkar li, f'Novembru 2007, il-Ministri għad-Difiża Ewropej qablu dwar parametri ta' referenza kollettivi biex iżidu n-nefqa għar-riċerka u t-teknoloġija b'rabta mad-difiża għal 2% tan-nefqa kollha għad-difiża u biex iġibu n-nefqa kollaborattiva Ewropea għar-riċerka u t-teknoloġija b'rabta mad-Difiża għal livell ta' 20%;
34. Jissottolinja r-rwol fundamentali tal-EDA fil-koordinazzjoni u l-ippjanar ta' attivitajiet konġunti ta' riċerka fis-settur tad-difiża; jenfasizza l-benefiċċji tal-kooperazzjoni fir-riċerka rigward interoperabilità mtejba, u eventwalment omoġenjità akbar fost it-tagħmir u l-kapaċitajiet tal-forzi armati nazzjonali, peress li r-riċerka hija l-ewwel fażi ta' kull programm ta' tagħmir;
35. Ifakkar fin-numru li dejjem qed jikber ta' teknoloġiji b'applikazzjonijiet b'użu doppju, u għalhekk fl-importanza ta' komplimentarjetajiet u sinerġiji li dejjem qed jiżdiedu bejn id-difiża Ewropea u l-programmi ta' riċerka dwar is-sigurtà ċivili; iħeġġeġ lill-EDA u lill-Kummissjoni jkomplu l-koordinazzjoni tagħhom fil-Kooperazzjoni Qafas Ewropew, sabiex jiġu massimizzati s-sinerġiji mat-tema ta' "Sigurtà" tal-Programm Qafas għall-Iżvilupp fir-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku, partikolarment f'oqsma bħall-protezzjoni CBRN, in-newtralizzazzjoni ta' IEDs, is-sistemi tal-ajru bla pilota, is-sorveljanza marittima, il-ġestjoni u l-ipproċessar tal-informazzjoni u d-difiża ċibernetika;
36. Jenfasizza b'mod partikolari li r-riċerka tas-sigurtà teħtieġ li tinżamm bħala komponent indipendenti fil-Programm Horizon 2020 li jmiss; hu tal-opinjoni li l-ambitu tat-tema tas-'Sigurtà' għandu jiġu estiż biex jirrifletti l-ħtieġa għat-trasferiment tal-innovazzjoni u t-teknoloġija bejn l-industrija ċivili u dik tad-difiża, iżda jsostni li, filwaqt li jitqies kif suppost kwalunkwe rekwiżit relatat mad-difiża fil-programmi u l-proġetti, it-tema għandha żżomm il-fokus ċivili tagħha;
37. Jindika li, bħalma r-riżultati tar-riċerka ċivili ħafna drabi jkollhom applikazzjonijiet tad-difiża, l-effetti tar-riċerka dwar id-difiża ħafna drabi jkunu ta' benefiċċju għas-soċjetà kollha; ifakkar b'mod partikolari l-eżempji tal-internet u l-GPS; hu tal-opinjoni li, fuq terminu ta' żmien twil, jista' jkun hemm fokus iktar speċifiku fuq ir-riċerka dwar id-difiża fil-Programmi Qafas, sabiex tiġi stimolata r-riċerka kollaborattiva Ewropea u jgħin biex jingħaqdu flimkien fondi nazzjonali mifruxin;
38. Jenfasizza, madankollu, li m'għandhomx jiġu ttrasferiti r-riżorsi mir-riċerka ċivili u li kwalunkwe attività ta' riċerka dwar id-difiża ffinanzjata mill-UE għandha l-ewwel u qabel kollox issewgi l-oġettiv tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-ġestjoni ta' kriżi tal-UE u tiffoka fuq ir-riċerka b'applikazzjonijiet doppji;
39. Ifakkar li, kif speċifikat fil-bażi legali tas-Seba' Programm Qafas (FP7), l-attivitajiet ta'

riċerka appoġġati mill-FP7 għandhom jirrispettaw il-prinċipji etiċi fundamentali, inklużi dawk riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; jitlob lill-Kummissjoni ttejjeb il-mod kif tinforza l-prinċipji etiċi fl-evalwazzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà għall-parteċipazzjoni fil-programmi ta' riċerka FP7 fil-qasam tas-"Sigurtà"; jitlob ukoll lill-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni etika u tal-impatt fuq is-soċjetà bħala element standard ta' kull proġett li jkun se jiġi ffinanzjat taħt l-FP7 u l-programmi futuri ta' riċerka;

40. Jirrimarka d-dispożizzjoni tal-Artikolu 185 tat-TFUE li jippermetti kontribuzzjoni tal-UE lill-programmi eżistenti ta' riċerka u żvilupp imwettqa minn grupp ta' Stati Membri; iqis li tista' tiġi esplorata l-possibilità li jintuża dan l-artikolu biex jiġi jitħaffef l-iżvilupp tal-kapaċitajiet meħtieġa għall-missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK;
41. Ifakkar ukoll fis-sinerġiji ugwalment importanti li jridu jfittxu l-programmi spazjali Ewropej, u jħeġġeġ li jkun hemm aktar koordinazzjoni bejn l-EDA, il-Kummissjoni u l-Aġenzija Spazjali Ewropea fi ħdan il-Kooperazzjoni Qafas Ewropew, partikolarment dwar l-osservazzjoni tad-Dinja bbażata fuq l-ispazju u l-għarfien sitwazzjonali dwar l-ispazju; jitlob li ssir kooperazzjoni mill-qrib tal-programmi MUSIS, GMES u EDRS għall-osservazzjoni tad-Dinja u li jiġu armonizzati l-istandards tal-infrastrutturi għad-dejta spazjali ċivili u militari; jitlob li l-proġett GMES ikompli jiġi ffinanzjat mill-baġit tal-UE taħt il-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss (2014-2020);

#### ***(D) Il-bini ta' bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea***

42. Ifakkar fil-ħtieġa li jsir progress fil-konsolidazzjoni tal-baży industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea, peress li minħabba teknoloġiji li dejjem qed isiru sofistikati, kompetizzjoni internazzjonali li qed tiżdied, u baġits tad-difiża li qed jonqsu, fl-ebda Stat Membru tal-UE tista' l-industrija tad-difiża tibqa' sostenibbli fuq baży strettament nazzjonali; jiddeplora l-fatt li, filwaqt li nkiseb ċertu livell ta' konċentrazzjoni fl-industriji ajruspazjali Ewropej, is-setturi tat-tagħmir tal-art u tagħmir navali għandhom frammentati ħafna bejn il-pajjiżi; iwissi lill-Istati Membri kontra l-possibilità li t-tnaqqis fl-investment tad-difiża se jesponi lill-industriji tad-difiża u tal-innovazzjoni teknoloġika għar-riskji li jiġu kkontrollati mis-setgħat terzi b'interessi strateġiċi differenti;
43. Iqis li armonizzazzjoni tar-rekwiżiti militari, permezz ta' proċess ta' eżamijiet mill-ġdid ikkoordinati dwar is-sigurtà u d-difiża kif deskritt taħt (A), għandha twassal għal armonizzazzjoni ta' akkwist ta' tagħmir fost l-Istati Membri tal-UE, li huwa l-ewwel prerekwiżit għal ħolqien ta' kundizzjonijiet rigward id-domanda għal ristrutturur transnazzjonali b'suċċess tal-industrija tad-difiża fl-Ewropa;
44. Filwaqt li jirrikonoxxi li waħda mill-konsegwenzi tar-ristrutturur se tkun l-abbandun ta' ċerti kapaċitajiet industrijali nazzjonali vijabbli, jenfasizza li kwalunkwe pjan fit-terminu medju jew twil għal tali ristrutturur għandu jkollu l-għan li jkollu l-anqas impatt fuq l-impjeg; jirrakkomanda, għalhekk, li jkun hemm riorjentazzjoni u sinerġiji akbar, abbaży ta' aktar speċjalizzazzjoni, interoperabilità u kumplementarjetà; jitlob li jsir użu aħjar tal-finanzjament tal-UE, bħal pereżempju l-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, biex jiġu appoġġati l-antiċipazzjoni u l-adattament għal bidla;

45. Jenfasizza li l-promozzjoni ta' bażi Ewropea tad-difiża, teknoloġika u industrijali tista' toħloq impjiegi sostenibbli għaċ-ċittadini Ewropej fl-industrija tad-difiża tal-UE;
46. Fil-kuntest tar-ristrutturar tal-industrija, jissottolinja wkoll l-importanza li tiġi żgurata li s-sigurtà tal-provvista ma tkunx f'riskju; jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżviluppaw malajr reġim komprensiv u ambizzjuż dwar is-sigurtà tal-provvista fl-UE kollha u li jkun ibbażat fuq sistema ta' garanziji reċiproki; iħeġġeġ lill-Istati Membri, bħala l-ewwel passi lejn dan l-objettiv, jagħmlu użu sħiħ mill-potenzjal tad-Direttiva dwar it-trasferimenti u jgħaġġlu l-ħidma biex joperazzjonalizzaw l-Arranġament Qafas tal-2006 għas-Sigurtà tal-Provvista f'Ċirkustanzi ta' Urġenza Operattiva;
47. Iħeġġeġ l-EDA tiżviluppa aktar opinjoni Ewropea komuni dwar il-kapaċitajiet industrijali ewlenin li għandhom jiġu ppreservati jew żviluppati fl-Ewropa; bħala parti minn dan l-isforz, jistieden lill-Aġenzija tanalizza dependenzi fuq teknoloġiji u sorsi ta' provvista mhux Ewropej tal-għoti ta' awtonomija strateġija Ewropea u tagħmel rakkomandazzjonijiet konkreti għall-Istati Membri, f'konformità mal-ħidma tal-Kummissjoni Ewropea li għandha wkoll ċerti programmi intiżi li jnaqqsu d-dependenza tal-Ewropa fuq il-provvista u l-enerġija;
48. Jemmen li l-programmi ta' armamenti kollaborattivi, bħal pereżempju dawk mibdija mill-EDA u mmaniġġjati mill-Organizzazzjoni Konġunta għall-Kooperazzjoni fl-Armamenti (OCCAR), jirrappreżentaw għodod vitali għat-tnaqqis tal-ispejjeż ta' żvilupp, l-appoġġ tal-konsolidazzjoni tal-industrija, trawwim tal-istandardizzazzjoni u l-interoperabilità, u t-tiżi tal-kompetittività globali; jissottolinja r-rwol tal-EDA fil-faċilitazzjoni tat-traduzzjoni tal-ħtiġijiet tal-kapaċitajiet fil-programmi ta' kooperazzjoni u fil-identifikazzjoni ta' opportunitajiet biex ikun hemm kooperazzjoni bikrija fiċ-ċiklu tal-ħajja; jitlob lill-EDA tkompli l-ħidma dwar il-Bażi tad-Dejta Kollaborattiva għat-tqabbil ta' proġetti nazzjonali bħala opportunitajiet kooperattivi u jħeġġeġ lill-Istati Membri jimlew din il-bażi tad-dejta; jitlob lill-EDA tippreżenta Gwida għall-Aħjar Prattika dwar il-Kooperazzjoni tal-Armamenti, kif ipprovdut fl-Istrateġija Ewropea ta' Kooperazzjoni fil-qasam tal-Armamenti;
49. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jevitaw ftehimiet riġidi dwar kondiviżjoni ta' xogħol fi programmi konġunti dwar armamenti, u jinnota l-effetti negattivi tal-prinċipju ta' "juste retour" f'termini ta' distribuzzjoni ineffiċjenti ta' xogħol, li twassal għall-implimentazzjoni aktar bil-mod u spejjeż oġhla; jitlob għall-prinċipju ta' "juste retour" li jinbidel f'kunċett ħafna aktar flessibbli ta' "bilanċ globali", li jippermetti kompetizzjoni effikaċi fl-UE kollha għall-għażla ta' kuntratturi, dejjem jekk jintlaħaq livell ta' bilanċ adegwat biex jiġi żgurat li l-industrija ta' daqs medju jkun jistgħu jikkompetu bl-istess kundizzjonijiet mal-industrija l-kbar; jilqa' l-fatt li l-"bilanċ globali" jintuża fil-programm ta' investiment konġunt tal-EDA dwar il-protezzjoni tal-forza, u jitlob lill-Aġenzija timplimenta dan il-kunċett fl-attivitajiet differenti kollha tagħha, bl-għan finali li tikkonforma mal-opportunitajiet indaqs fis-suq Ewropew tat-tagħmir tad-difiża u b'kunsiderazzjoni tal-interessi tal-impriżi żgħar u ta' daqs medju;
50. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu mill-esperjenza ta' ġestjoni tal-OCCAR għall-implimentazzjoni tal-programmi konġunti, kif ippreparati mill-EDA, u jħeġġeġ lill-EDA u lill-OCCAR jikkonkludu ftehim amministrattiv dwar il-kooperazzjoni tagħhom; ifakkar li

kull Stat Membru tal-UE jista' jissieħeb mal-OCCAR jekk tkun ir-rieda tiegħu u jekk jissodisfa l-kriterji ta' sħubija;

51. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkooperaw flimkien biex jiżguraw sigurtà ċibernetika, bħala aspett integrali tas-settur tad-difiża;
52. Jinnota li l-kunċett ta' bażi industrijal u teknoloġika tad-difiża Ewropea (DTIB) mhux dejjem jiġi definit legalment fil-livell Ewropew u jistieden lill-Kummissjoni u lill-EDA janalizzaw il-kriterji possibbli ta' definizzjoni bħal din u l-impatt tagħhom; jenfasizza, f'dan ir-rigward li wieħed mill-kriterji importanti jista' jkun il-valur miżjud teknoloġiku ġenerat mill-fatt li l-uffiċċji tad-disinn ikunu jinsabu fit-territorju tal-Istati Membri tal-UE; ihegġegħ lill-Istati Membri jqisu l-istabbiliment ta' Għan Primarju Industrijali tad-Difiża biex tkun ipprovduta viżjoni ċara fit-tul għall-iżvilupp tal-EDTIB;
53. Jinnota l-importanza – għal industrija tad-difiża Ewropea kompetittiva – ta' kooperazzjoni industrijali trans-Atlantika, li tista' tiffaċilita l-aċċess għal teknoloġiji ġodda, tippromwovi l-iżvilupp ta' prodotti avvanzati u tipprovi inċentivi biex jitnaqqsu l-ispejjeż u jitnaqqas il-ħin taċ-ċiklu ta' produzzjoni; jinnota wkoll il-potenzjal ta' kooperazzjoni ma' sħab esterni oħrajn;

***(E) L-Istabbiliment ta' suq Ewropew tat-tagħmir tad-difiża***

54. Ifakkar li, sabiex tiżdied il-kompetittività tal-industrija tad-difiża Ewropea, kif ukoll biex jiġi żgurat li l-interessi tal-kontribwent tat-taxxa huma salvagwardjati sew, l-Istati Membri jeħtieġu minnufih itejbu t-trasparenza u l-aċċessibilità tas-swieq tad-difiża tagħhom; iqis li d-Direttiva 2009/81/KE dwar l-akkwist pubbliku fid-difiża u s-sigurtà sensittiva ssaħħa is-suq uniku billi tnaqqas id-diversità tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku fis-settur tad-difiża u billi tiftaħ is-swieq nazzjonali għal iktar kompetizzjoni, u jfakkar li l-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva hi l-21 ta' Awwissu 2011; jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta fi żmien xieraq dwar il-miżuri ta' traspożizzjoni mill-Istati Membri, u tiegħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex tiżgura t-traspożizzjoni puntwali u konsistenti u l-implimentazzjoni korretta;
55. Jenfasizza li d-direttiva hija mfassla apposta għall-ispeċifitàjiet tal-kuntratti ta' akkwist fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li, konsegwentement, kull eżenzjoni tal-kuntratti mil-liġi tal-UE fuq il-bażi tal-Artikolu 346 tat-TFUE tista' titqies legali biss f'każijiet eċċezzjonali u debitament sostanzjati sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tas-sigurtà nazzjonali essenzjali; jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li d-direttiva, kif ukoll id-deroga taħt l-Artikolu 346 TFUE, jiġu applikati; jenfasizza li dan jibbenefika minn evalwazzjoni mill-Kummissjoni li tirrapporta dwar il-prattiki tajba kif ukoll il-każijiet ta' applikazzjoni ħażina tar-regoli l-ġodda;
56. Jenfasizza li, b'konformità mal-isforzi għaddejnin bħalissa mmirati lejn il-modernizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-qafas Ewropew tal-akkwist pubbliku b'mod ġenerali, l-oġettivi ta' simplifikazzjoni amministrattiva u t-tnaqqis tal-piżijiet għandhom jirriflettu fl-applikazzjoni Prattika tad-Direttiva, u li, sabiex tkun faċilitata l-proċedura tas-sejriet għal offerti transkonfinali, hemm il-ħtieġa li jiġu riveduti r-rekwiżiti tekniċi mhux kompatibbli jew mhux proporzjonati li jikkostitwixxu ostakoli għas-suq intern; ifakkar, barra minn hekk, li s-sottokuntratturi ma għandhomx ikunu ddiskriminati abbażi tan-

nazzjonalità tagħhom;

57. Ifakkar li r-reġim stabbilit mill-Kodiċi ta' Kondotta dwar l-Akkwist tad-Difiża tal-EDA u l-Kodiċi tal-Aħjar Prattika fil-Katina tal-Provvista jkun applikabbli biss għall-kuntratti koperti mid-deroga taħt l-Artikolu 346 tat-TFUE; jistieden lill-EDA u lill-Kummissjoni terġa' tivvaluta r-relevanza ta' dan ir-reġim wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva dwar l-akkwist tad-difiża;
58. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jstabilixxu bħala prijorità ewlenija l-għlieda kontra l-korruzzjoni fl-akkwist tad-difiża, partikolarment permezz tal-implimentazzjoni adegwata tad-Direttiva, filwaqt li jiddeplora l-effetti devastanti tal-korruzzjoni speċjalment rigward l-ispejjeż stmati għolja żżejjed, l-akkwist ta' tagħmir mhux neċessarju, inadegwat jew mhux ottimali, xkiel għall-akkwist konġunt u programmi kollaborattivi, xkiel għall-aċċess għas-suq u, b'riżultat ta' dan kollu, ikun hemm piż kbir fuq il-baġits nazzjonali; barra milli jiġu ġeneralizzati proċeduri ta' akkwist pubbliku trasparenti u kompetittivi, jirrakkomanda bil-qawwa li jiġu segwiti r-rakkomandazzjonijiet tal-kompjendju tal-aħjar prattiki tan-NATO/DCAF dwar il-Bini tal-Integrità u t-Tnaqqis tal-Korruzzjoni fid-Difiża; jissottolinja eżempji pożittivi bħall-kunċett ta' "patti tal-integrità tad-difiża" bejn il-gvern u l-offerenti bil-parteċipazzjoni ta' osservaturi indipendenti, jew is-sorveljanza parlamentari sistematika tal-istadji kollha fil-proċeduri tal-akkwist li jkunu aktar minn ċertu limitu kif prattikat f'diversi Stati Membri;
59. Jenfasizza li r-rekwiżiti ta' kumpens jistgħu, fil-prinċipju, jiġu ġġustifikati biss jekk ikunu meħtieġa għall-protezzjoni tal-interessi ta' sigurtà essenzjali skont l-Artikolu 346 tat-TFUE, u li *għandhom ikunu* konsistenti mal-prinċipji ta' trasparenza u jeħtieġ partikolarment li ma jikkawżawx riskji ta' korruzzjoni jew ifixklu l-funzjonament tas-suq Ewropew tad-difiża;
60. Jinnota, madankollu, li l-prattiki ta' kumpens jistgħu f'ċerti każijiet jgħinu lill-industriji domestiċi jsiru aktar effiċjenti u jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-bażi industrijali Ewropea tad-difiża, kif ukoll li l-kuntratti ta' kumpens intra-Unjoni jistgħu jwasslu għall-ħolqien ta' impjiegi u jerġgħu jagħtu spinta lill-industriji nazzjonali; jitlob lill-Istati Membri, lill-EDA u lill-Kummissjoni jaħdmu flimkien sabiex bilmod ineħħu r-rekwiżiti ta' kumpens, filwaqt li jrawmu l-integrazzjoni tal-industriji Stati Membri iżgħar fil-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża Ewropea permezz ta' mezzi oħra għajr il-kumpens;
61. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-EDA jikkunsidraw mezzi sabiex jindirizzaw ukoll prattiki ta' suq oħra li huma ta' xkiel, bħal pereżempju l-għajnuna mill-Istat u l-appoġġ għall-esportazzjoni, billi jibnu fuq l-inizjattiva ta' Opportunitajiet Indaq tal-EDA;
62. Iqis li, fil-kuntest baġitarju attwali, il-prinċipju tal-preferenza Ewropea fl-akkwist pubbliku ta' tagħmir tad-difiża jista' jitqies bħala forma ta' solidarjetà Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni u lill-EDA jippreżentaw analiżi tal-kost-benefiċċju ta' proċedura ta' preferenza Ewropea għal ċerti tipi ta' tagħmir tad-difiża fid-dawl tal-importanza li tinżamm l-indipendenza strateġika u fejn m'hemm l-ebda reċiproċità ta' aċċess għas-swieq tal-pajjiżi terzi; jenfasizza l-importanza tal-iżgurar ta' iktar aċċess għas-swieq tal-pajjiżi terzi għall-prodotti Ewropej tad-difiża;
63. Ifakkar li l-piż amministrattiv tal-obbligi tal-liċenzjar fil-kummerċ intra-UE għall-prodotti

tad-difiża kellu effett ta' tfixkil fuq il-konsolidazzjoni tal-industrija u kien ostaklu maġġuri għall-programmi transnazzjonali kollaborattivi dwar l-armamenti; ifakkar li d-data tal-għeluq għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2009/43/KE dwar it-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fl-UE skadiet fit-30 ta' Ġunju 2011 u li l-Istati Membri huma meħtieġa japplikaw regoli ġodda mit-30 ta' Ġunju 2012; jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta fi żmien xieraq dwar il-miżuri ta' traspożizzjoni mill-Istati Membri, u tiegħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex tiżgura l-implimentazzjoni korretta;

64. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu l-aħjar użu mil-liċenzji ġenerali ġodda għall-konsenji lill-forzi armati ta' Stati Membri oħra bħala strument importanti għat-titjib tal-provvista tas-sigurtà fl-UE kollha;
65. Jenfasizza li s-suċċess tad-Direttiva, b'mod partikolari rigward il-liċenzji għat-trasferimenti bejn il-kumpaniji, tiddependi fil-biċċa l-kbira mill-fiduċja li l-Istati Membri għandhom fil-kontrolli tal-esportazzjoni ta' xulxin; iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkonformaw strettament mal-obbligi stipulati fil-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari, u li jiżguraw li jivvalutaw bir-reqqa l-applikazzjonijiet kollha għal-liċenzji skont it-tmien kriterji kollha kif meħtieġ; jitlob lil Viċi President/Rappreżentant Għoli jevalwa l-konformità tal-Istati Membri, fil-kuntest tal-eżami mill-ġdid tal-Pożizzjoni Komuni, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tal-politika kummerċjali u barranija, inkluża l-konformità mad-drittijiet tal-bniedem u mal-prinċipji demokratiċi fil-pajjiżi li jimpurtaw;
66. Itenni l-importanza fundamentali tal-istandardizzazzjoni tat-tagħmir tad-difiża għall-istabbiliment ta' suq tad-difiża uniku Ewropew, kif ukoll għall-iżgurar ugwali tal-interoperabilità u l-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni fuq il-programmi tal-armamenti, proġetti ta' akkomunament u kondivizzjoni, u operazzjonijiet; iħeġġeġ lill-EDA, lill-Kummissjoni u lill-Organizzazzjonijiet tal-Istandards Ewropew (CEN, CENELEC, ETSI), b'kooperazzjoni mal-industrija u partikolarment l-Aġenzija ta' Standardizzazzjoni tan-NATO, biex iħaffu l-ħidma dwar it-tnaqqis tad-diverġenzi fl-istandards fl-industriji tad-difiża u s-sigurtà, u bejn it-tagħmir ċivili u militari; jipromwovi l-użu u l-iżvilupp addizzjonali tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Istandards tad-Difiża Ewropea u l-Manwal Ewropew għall-Akkwisti tad-Difiża;
67. Jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jintroduċu ċertifikat pan-Ewropew għall-prodotti ta' sigurtà u difiża biex itemm s-sitwazzjoni mhux sostenibbli fejn ittestjar separat huwa meħtieġ f'kull Stat Membru; jirrimarka li dan il-proċess li jaħli ħafna ħin u li huwa ta' piż jgħolli b'mod sinifikanti l-ispejjeż tal-manifatturi, b'hekk huwa ta' dannu għall-kompetittività tagħhom sa punt li hu projbittiv speċjalment għall-kumpaniji ż-żgħar; jappoġġja l-ħidma tal-EDA dwar in-navigabbiltà militari u jħeġġeġ lill-Istati Membri jħaffu l-ħidma dwar il-formazzjoni ta' Organizzazzjoni Konġunta Ewropea dwar in-Navigabbiltà bħala l-kontraparti militari għall-Aġenzija Ewropea dwar is-Sikurezza tal-Ajru;
68. Jenfasizza li l-istandardizzazzjoni u l-konsolidazzjoni li ssemew hawn fuq għandhom ikunu parti minn proċess immexxi mill-UE, u mhux mill-industriji, għall-benefiċċju tal-interessi Ewropej u tal-ħtiġijiet reali tas-soċjetà, u li l-parteċipazzjoni fil-programmi u s-

sinerġiji komuni tal-UE, bi prinċipju, għandha tkun miftuħa għall-Istati Membri kollha;

**(F) Is-sejba ta' forom ġodda ta' finanzjament fuq livell tal-UE**

69. Jinsab konvint li, speċjalment fil-kuntest tal-adozzjoni tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali ġdid, teħtieġ li ssir riflessjoni dwar il-possibiltajiet għall-baġit tal-UE biex jgħinu lill-Istati Membri jilhqgħu l-għanijiet tal-Politika ta' Sigurtà u Difiża komuni b'mod aktar kosteffiċjenti;
70. Kif stipulat taħt (C) hawn fuq, jitlob għat-tisħiħ mill-ġdid u l-estensjoni tar-riċerka ta' sigurtà taħt il-Programm Qafas tar-Riċerka, għall-użu tal-Artikolu 185 tat-TFUE biex jikkoofinanzja programmi eżistenti ta' riċerka u żvilupp, kif ukoll għat-tnejn ta' tema ġdida għar-riċerka dwar id-difiża b'applikazzjonijiet ċivili-militari sabiex tistimula r-riċerka kollaborattiva dwar id-difiża;
71. Huwa tal-opinjoni li l-fondi tal-UE għandhom jintużaw biex irawmu l-kooperazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ, u b'hekk jinkoraġġixxu l-ħolqien ta' networks bejn l-industrija, l-istituzzjonijiet tar-riċerka u d-dinja tal-akkademiċi; jitlob li jsiru l-arranġamenti neċessarji sabiex jippermettu l-pagament ta' stipendji ta' kadetti li qed jipparteċipaw fi programmi "militari tal-Erasmus" mill-baġit tal-UE, sabiex jirċievu l-istess trattament bħall-istudenti f'istituzzjonijiet ċivili ta' edukazzjoni oġġla u għalhekk jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tal-kultura u tal-approċċ tas-sigurtà komuni;
72. Jirrakomanda l-finanzjament tal-attivitajiet tal-Kulleġġ Ewropew tas-Sigurtà u d-Difiża, immirat għat-taħriġ tal-esperti ċivili u militari fil-ġestjoni tal-kriżi u l-PSDK, u l-promozzjoni ta' kultura komuni tas-sigurtà fl-UE, permezz tal-Istrument għall-Istabilità;
73. Ihegġegħ li jsir aktar żvilupp tar-rwol tal-Kulleġġ bħala forum għal kooperazzjoni bejn l-akademji nazzjonali għad-difiża u l-istituzzjonijiet ċivili għat-taħriġ tas-sigurtà, sabiex jiġu identifikati u żviluppati wkoll possibiltajiet li jiffrankaw il-flus ta' akkomunament u kondiviżjoni ta' proġetti bejniethom; jitlob lill-Istati Membri jibdli l-Kulleġġ f'istituzzjoni akkademika reali, u minħabba l-orjentazzjoni qawwija tiegħu ċivili militari, jissuġġerixxi li jkun iffinanzjat mill-UE taħt il-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss;
74. Jitlob lill-atturi kollha relevanti jivvalutaw jekk l-assi li huma propjetà tal-UE skont il-mudell Galileo, kif stipulat taħt (B), humiex għażla vijabbli u kosteffettiva, speċjalment f'oqsma bħat-trasport strateġiku u tattiku jew is-sorveljanza;
75. Ihegġegħ lill-Istati Membri jżidu l-baġit tal-EDA bħala kwistjoni ta' prijorità, filwaqt li jirrikonoxxu l-valur miżjud tal-Aġenzija fil-kumpens, permezz tal-kooperazzjoni, għal tnaqqis deċiż f'livell nazzjonali; jiddeplora l-fatt li d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-EDA ma pprovdietx lill-Aġenzija b'qafas baġitarju multiannwali komparabbli mal-baġit ġenerali tal-UE;
76. Jindika li ċ-Ċentru Satellitari tal-UE, li jopera b'baġit modest, wera l-effiċjenza u l-valur miżjud tiegħu permezz ta' varjetà ta' operazzjonijiet tas-sigurtà u d-difiża; ifakkar id-domanda li qed tikber għall-immaġini satellitari, inkluż wara l-avvenimenti reċenti fl-Afrika ta' Fuq; jitlob lill-Istati Membri jipprovdu ċ-Ċentru b'baġit ikbar u, b'mod partikolari minħabba l-użu ċivili militari tiegħu, huwa tal-fehma li għandu jiġi ffinanzjat



mill-baġit tal-UE;

77. Jilqa' l-isforzi tal-Presidenza tal-Kunsill Pollakk biex isir eżami mill-ġdid tal-mekkaniżmu ta' ATHENA; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jistinkaw aktar biex jaslu għal qbil fir-rigward tal-finanzjament komuni; jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw, bħala parti mill-eżami mill-ġdid tal-mekkaniżmu ATHENA, il-possibbiltà li jiġi estiż il-mekkaniżmu sabiex jiġi pprovdut ukoll finanzjament komuni għal azzjonijiet jew akkwisti li jappoġġjaw l-għan ta' kosteffiċjenza akbar fid-difiża Ewropea, iżda li ma jistgħux ikunu ffinanzjati mill-baġit tal-UE, b'mod partikolari finanzjament komuni tat-tagħmir ipprovdut;
78. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Parlamenti tal-Istati Membri tal-UE, lill-Assemblea Parlamentari tan-NATO, kif ukoll lis-Segretarji Ġenerali tan-NATO.

## OPINJONI TAL-MINORANZA

dwar ir-rapport dwar l-impatt tal-kriżi finanzjarja fuq is-settur tad-difiża fl-Istati Membri tal-UE (2011/2177(INI)),

Kumitat għall-Affarijiet Barranin Krzysztof Lisek

### **Rapport ta' Minoranza mressaq mill-MEPs Sabine Lösing, Willy Meyer, Takis Hadjigeorgiou, Nikolaos Chountis tal-Grupp GUE/NGL**

Ir-rapport hu favur iktar militarizzazzjoni tal-UE; ihegġegħ l-armament (tal-ispazju), żieda fl-investment fis-sigurtà, id-difiża u r-riċerka u t-tagħmir militari minkejja l-kriżi finanzjarja u l-kriżi ekonomika u l-impatt ambjentali; ikattar il-Kumplex Industrijali Militari u jsaħħaħ kooperazzjoni intensifikata bejn l-UE u n-NATO inkluż żieda fl-ispiża u l-“qsim tal-piżijiet”.

Aħna noġġezzjonaw għar-rapport peress li:

- ibiddel l-UE f'personaġġ militari globali, permezz taċ-ċentralizzazzjoni u l-armonizzazzjoni tas-setgħa (EDA UE-OHQ), isaħħaħ l-armament u jżid fl-ispejjeż: jiġifieri, jappoġġa u jippromwovi l-mekkaniżmu ATHENA sa punt li ma jaqax taħt il-kontroll parlamentari
- juża l-kriżi ekonomika bħala pretest għal iktar żvilupp tal-industrija tad-difiża, ir-rikatt li t-tnaqqis fid-difiża jista' jwassal għal żieda fil-qagħad;
- jappoġġa u jhegġegħ iktar kooperazzjoni ċivili-militari;
- jitlob il-liberalizzazzjoni tas-suq tad-difiża, ikattar l-interessi ekonomiċi fil-qasam tal-produzzjoni tal-armi u t-tagħmir militari - MIC
- jamplifika r-riċerka fis-sigurtà, partikolarment il-missjonijiet tal-PSDK u t-taħlit tas-sigurtà ċivili u r-riċerka militari

Qed nitolbu li jkun hemm:

- diżarm (nukleari) radikali fil-livell tal-UE u dak globali;
- nefqa militari diretta mill-ġdid lejn skopijiet ċivili;
- l-attivitajiet kollha jkunu konformi strettament mal-Karta tan-NU, il-Liġi Internazzjonali;
- UE ċivili, soluzzjonijiet/approċċi paċifiċi, ċivili u stretti, separazzjoni tal-azzjonijiet ċivili u militari;
- separazzjoni distinta bejn l-UE u n-NATO.

10.11.2011

## **OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA**

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar l-impatt tal-kriżi finanzjarja fuq is-settur tad-difiża fl-Istati Membri tal-UE  
(2011/2177(INI))

Rapporteur: Evžen Tošenovský

### **SUĠĠERIMENTI**

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jirrimarka li - minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja - il-konsolidazzjoni fiskali li għaddejja bħalissa fl-UE kollha u t-tnaqqis fil-baġits tad-difiża fil-maġġoranza tal-Istati Membri jistgħu jwasslu għal qtugħ, tnaqqis jew dewmien sostanzjali tal-programmi, għal kważi l-Istati Membri kollha, u x'aktarx se tkompli taffettwa l-industrija tad-difiża Ewropea kif ukoll il-progress xjentifiku tal-UE f'dan is-settur, u jinnota li dan jista' jwassal għal telf tal-impjiegi fiż-żmien medju u fit-tul;
2. Jissottolinja li l-industrija tad-difiża Ewropea hija kkaratterizzata minn politiki u programmi nazzjonali differenti, li apparti l-kriżi ekonomika u finanzjarja, jistgħu jaggravaw aktar l-effetti ħżiena fuq l-industrija; jitlob l-iżvilupp ulterjuri tal-politika tad-difiża tal-UE, li twassal għal kooperazzjoni b'saħħha fir-riċerka, it-teknoloġija u l-industrija fost l-Istati Membri, sabiex tissaħħaħ il-kompetittività u r-reżiljenza tal-industrija tad-difiża;
3. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkooperaw flimkien biex jiżguraw sigurtà ċibernetika, bħala aspett integrali tas-settur tad-difiża;
4. Jirrimarka l-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur tas-sigurtà u d-difiża; jenfasizza b'mod partikolari li huwa importanti li l-programm tar-riċerka dwar is-sigurtà taħt is-Seba' Programm Qafas ikompli jiġi segwit bħala komponent indipendenti fil-Programm Qafas li jmiss; jinnota n-neċessità għat-trasferiment tal-innovazzjoni u t-teknoloġija bejn l-industrija ċivili u dik tad-difiża, b'analoġija ma' dak li qiegħed isir

b'suċċess fl-oqsma tal-komunikazzjoni u l-ispazju, minħabba ċ-ċaqlieqa matul dawn l-aħħar snin minn operazzjonijiet militari tradizzjonali lejn operazzjonijiet ta' paċi, kontra t-terroriżmu, ta' assistenza umanitarja u ta' appoġġ għall-awtoritajiet ċivili, kif ukoll iż-żieda tal-ħtieġa għall-applikazzjonijiet tal-protezzjoni ċivili f'każijiet ta' diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem; għalhekk jitlob li s-settur tad-difiża tal-UE jiġi adattat u ddiversifikat; Jinnota li, f'Novembru 2007, il-Ministri għad-Difiża Ewropej qablu dwar parametri ta' referenza kollettivi biex iżidu n-nefqa għar-riċerka u t-teknoloġija b'rabta mad-difiża għal 2% tan-nefqa kollha għad-difiża u biex iġibu n-nefqa kollaborattiva Ewropea għar-riċerka u t-teknoloġija b'rabta mad-Difiża għal livell ta' 20%;

6. Madankollu jinnota li attwalment hemm investiment ta' ftit iktar minn 1% tan-nefqa totali għad-difiża tal-Ewropa fir-riċerka u t-teknoloġija u madwar 10% biss minn dik in-nefqa għar-riċerka u t-teknoloġija tintnefaq permezz ta' kollaborazzjonijiet Ewropea, b'hekk il-ħtieġa għat-tisħiħ tal-effettività tal-isforzi Ewropej f'dan il-qasam hija partikolarment urġenti;
7. Jinnota li n-nuqqas ta' politika industrijali ta' difiża komuni wasslet għal frammentazzjoni konsiderevoli tas-suq tad-difiża f'dak li għandu x'jaqsam mad-domanda, ir-regolamenti, l-istandards u l-provvista; jirrikonoxxi li politika industrijali tad-difiża komuni tagħmel sens ekonomikament għat-tisħiħ tar-rwol tal-Unjoni Ewropea fuq l-iskala globali u biex tinżamm il-kapaċità teknoloġika tal-Ewropa filwaqt li jibqgħu jiġu kkunsidrati l-ispeċifità ta' kull Stat Membru; għalhekk jemmen li l-politika industrijali ta' difiża Ewropea għandha tippromwovi kooperazzjoni multidimensjonali għall-benefiċċju tal-UE, filwaqt li tissottolinja l-oġġettivi industrijali ewlenin, tippreżenta l-vantaġġi komparattivi u s-setturi industrijali strateġiċi u tenfasizza r-rwol tal-Aġenzija tad-Difiża Ewropea (EDA), waħda mill-atturi ewlenin fid-definizzjoni tal-politika industrijali Ewropea, u tal-korpi tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO) fl-appoġġ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri; jirrikonoxxi wkoll il-ħtieġa tal-Għan Primarju Industrijali tad-Difiża tal-2030 sabiex jgħin fil-koordinazzjoni tal-politiki tad-difiża tal-Istati Membri; jinnota li l-kooperazzjoni industrijali transkonfinali u transatlantika tista' tiffaċilita l-aċċess għal teknoloġiji ġodda, tippromwovi l-iżvilupp ta' prodotti avvanzati u ttipprovdi inċentiva biex jinstabu miżuri effettivi biex jitnaqqsu l-ispejjeż u ċ-ċiklu ta' produzzjoni; jinnota li minħabba l-kriżi finanzjarja l-ebda industrija tad-difiża tal-UE ma tista' tkun vijabbli fuq bażi nazzjonali u li t-twettiq tal-konsolidazzjoni tal-industrija tad-difiża tal-UE se jwassal għal tnaqqis fil-baġits tad-difiża;
8. Jissottolinja l-importanza tat-titjib tal-kompetizzjoni fit-tul tal-industrija tad-difiża Ewropea bl-għan li jiġi żgurat aċċess akbar għas-swieq tal-pajjiżi terzi, u b'mod partikolari għas-swieq emerġenti;
9. Jissuġġerixxi wkoll, l-istabbiliment ta' unità Ewropea ta' monitoraġġ u ta' intelliġenza ekonomika li jkollha l-kompitu li ttiprovdi l-għodod meħtieġa biex l-Ewropa taffaċċa l-kompetizzjoni internazzjonali u żżomm il-kompetittività internazzjonali tagħha;
10. Jilqa' d-direttivi dwar l-akkwist u t-trasferimenti, maħsuba biex iżidu l-kompetizzjoni u t-trasparenza u jiffaċilitaw it-trasferiment tat-teknoloġija; iħeġġeġ, abbażi ta' inizjattivi ta' akkomunament u kondiviżjoni, konsolidazzjoni akbar tad-domanda permezz ta' proġetti

konġunti tar-riċerka u t-teknoloġija jew permezz tal-għaqda tad-domanda għal kapaċitajiet kondiviżi, b'kunsiderazzjoni tat-tħassib tal-industrija tad-difiża, inklużi l-SMEs, u bir-rikonossiment tal-fatt li mhux dejjem huwa ekonomikament effikaċi jew fattibbli għall-industrija tad-difiża ta' kull Stat Membru li jaġġixxu kompletament waħidhom; jitlob lill-Kummissjoni tappoġġa l-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża billi tistabbilixxi proċedura għall-preferenza tal-Komunità minħabba l-ispeċifità ta' ċertu tagħmir tad-difiża li għalih huwa importanti li tinżamm l-awtonomija strateġika u s-sovranità operattiva; jinnota li mil-lat tal-provvista, kumpaniji inqas kompetittivi li ma jistgħux jimplementaw strateġija ta' tkabbir ibbażata fuq l-esportazzjoni għandhom jimmiraw lejn id-diversifikazzjoni tal-portafoll tagħhom minn oġġetti tad-difiża lejn sigurtà ċivili jew użu doppju tal-oġġetti, minkejja li ċertu livell ta' konsolidazzjoni tal-provvista ma jistax jiġi evitat;

11. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jesploraw il-potenzjal tal-ftehimiet dwar id-difiża ma' sħab esterni oħra;
12. Ifakkar li, kif speċifikat fil-bażi legali tal-FP7, l-attivitajiet ta' riċerka appoġġati mill-FP7 għandhom jirrispettaw il-prinċipji etiċi fundamentali, inklużi dawk riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; jitlob lill-Kummissjoni ttejjeb il-mod kif tinforza l-prinċipji etiċi fl-evalwazzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà għall-parteċipazzjoni fil-programmi ta' riċerka FP7 fil-qasam tas-"Sigurtà"; jitlob ukoll lill-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni etika u tal-impatt fuq is-soċjetà bħala element standard ta' kull proġett li jkun se jiġi ffinanzjat taħt l-FP7 u l-programmi futuri ta' riċerka.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	10.11.2011
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 44 -: 7 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Maria Da Graça Carvalho, Giles Chichester, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Ioan Enciu, Adam Gierek, Norbert Glante, Robert Goebbels, Fiona Hall, Jacky Hénin, Edit Herczog, Kent Johansson, Romana Jordan Cizelj, Lena Kolarska-Bobińska, Béla Kovács, Philippe Lamberts, Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz, Marisa Matias, Judith A. Merkies, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Aldo Patriciello, Anni Podimata, Miloslav Ransdorf, Herbert Reul, Michèle Rivasi, Jens Rohde, Paul Rübig, Amalia Sartori, Francisco Sosa Wagner, Konrad Szymański, Michael Theurer, Ioannis A. Tsoukalas, Claude Turmes, Niki Tzavela, Marita Ulvskog, Vladimir Urutchev, Adina-Ioana Vălean
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Antonio Cancian, Jolanta Emilia Hibner, Gunnar Hökmark, Yannick Jadot, Ivailo Kalfin, Bernd Lange, Werner Langen, Markus Pieper, Mario Pirillo, Hannes Swoboda, Silvia-Adriana Țicău
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Eider Gardiazábal Rubial

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	23.11.2011
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 40 -: 6 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Gabriele Albertini, Sir Robert Atkins, Franziska Katharina Brantner, Elmar Brok, Arnaud Danjean, Andrzej Grzyb, Takis Hadjigeorgiou, Anna Ibrisagic, Jelko Kacin, Ioannis Kasoulides, Tunne Kelam, Maria Eleni Koppa, Andrey Kovatchev, Eduard Kukan, Krzysztof Lisek, Sabine Lösing, Mario Mauro, Willy Meyer, Francisco José Millán Mon, Raimon Obiols, Justas Vincas Paleckis, Pier Antonio Panzeri, Alojz Peterle, Cristian Dan Preda, Libor Rouček, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Nikolaos Salavrakos, Jacek Saryusz-Wolski, Werner Schulz, Marek Siwiec, Hannes Swoboda, Kristian Vigenin, Boris Zala
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Andrew Duff, Tanja Fajon, Roberto Gualtieri, Elisabeth Jeggle, Traian Ungureanu, Ivo Vajgl, Paweł Zalewski, Janusz Władysław Zemke
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	António Fernando Correia De Campos, Jolanta Emilia Hibner, Jan Kozłowski, Bogusław Sonik, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein